# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 28 ta' Frar, 2019**

**Talba Nru: 403/2018PM1**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Alessandro Crescenzi**
**(82281(A))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 t' Awwissu, 2018 illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u erbgha u sittin euro u erbgha u erbghin centezmi (€564.44) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont numru 40506012, bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk in konnessjoni mal-ittra ufficjali bir-referenza 437/17, u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tad-19 ta' Jannar, 2016 ossija l-ahhar 'Due Bill Date'.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi.

Sema' x-xhieda ta' Maryanne Camilleri moghtija fl-imsemmija seduta tal-lum li permezz taghha ikkonfermat li l-ammont kollu kif mitlub ghadu dovut mill-intimat.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi ghalkemm debitament notifikata l-intimat naqas milli jattendi ghas-seduti tal-10 ta' Jannar, 2019 u tal-lum u lanqas ma prezenta ebda risposta ghat-talba kif dedotta mis-socjeta' attrici.

Illi l-ammont mitlub jirrizulta ampjament mid-dokumenti ezebiti a sostenn tal-istess talba mal-avviz odjern oltre li jirrizulta wkoll dovut, flimkien mal-ispejjez u l-imghaxijiet relattivi, mill-intimat lis-socjeta` attrici skont ix-xhieda moghtija mir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici fis-seduta tal-lum. Fir-rigward tal-imghaxijiet hija gustifikata t-talba li dawn jibdew jiddekorru mid-data tad-19 ta' Jannar, 2016 ossija d-data tal-ahhar kont, stante n-natura kummercjali tar-relazzjoni bejn il-partijiet.

Illi ghaldaqstant it-talba attrici timmerita li tigi milqugha.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta' hames mija u erbgha u sittin euro u erbgha u erbghin centezmi (€564.44) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont numru 40506012, bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk in konnessjoni mal-ittra ufficjali bir-referenza 437/17, u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tad-19 ta' Jannar, 2016 kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**